KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 32**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun itaqa' fuq pjataforma diġitali nhar it-Tlieta, 28 ta' Diċembru, 2021 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Joseph Cuschieri – Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti – Kunsillier

**UFFICCJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**32.01 ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skond Ordni Permanenti 14A (3):**

32.01.01 Vincent Bonello – Viċi Sindku / Carmen Borg – Kunsillier / Cynthia Tommasuolo – Kunsillier

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**32.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

32.02.01 Ġew iċċirkolati l-Minuti ta' Seduta Nru 31 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**32.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

32.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill hemm skema biex nieħdu fondi għal attivitajiet. Huwa issuġerixxa li napplikaw għal fondi biex inkunu nistgħu norganizzaw Pjazza Mużika fi' Pjazza San Pawl. Kunsill qabel unanimament.

32.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li x-xogħolfiz-zona ta' Triq Qrejten kważi lest. Huwa qal li sippost sa' nofs Jannar ikun lest min kollox.

32.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li Infrastructure Malta informatna li bidu ta' Jannar ħa jibda ix-xogħol fi' Triq Qormi, iżda għandhom jagħadulna iktar informazzjoni.

32.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li irċevejna l-kuntratt biex issir il-berġa fil-premises il-ġodda ta' l-Kunsill. Huwa qal li l-kunsill ħa jkun qiegħed jiffinanzja xi' xogħol tal-units u safety biex il-premisses jkun jista jintuża mil-atoritajiet ta' s-saħħa. Il-Kunsill qabel unanimament ma' l-kuntratt u qabel li jkompli għadejj bil-ħidma biex ikolla berġa kif sippost fil-Ħamrun.

32.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li meta kien il-maltemp, il-ħaddiema inqabdu f'ilmijiet għolja u l-van ittiħedt għand il-mekanik. Huwa qal li hemm madwar spiża ta' €4,000. Kunsill qabel li jisewwa.

32.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li l-Azzjoni Katolika informatna li wara li l-proġett ta' l-LEGA isemma fuq l-aħbarijiet, ġew avviċinati min persuna li qalilom li -art hija tiegħu. Is-Sindku qal li din il-persuna hija mħajjra li jinvolvi ruħu fil-proġett b'Car park jew garaxxijiet. Huwa qal li għadna qed nistenew iktar informazzjoni.

**32.04 Ħatra Deputat Segretarju Eżżekutiv**

32.04.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li minħabba li is-Sinjura Karen cailleri diġa qeda deputy post ieħor, il-kunsill ghandu bżonn jaħtar Deputat Segretarju Eżżekiutiv iehor. Huwa saqsa jekk hemmx xi suġġeriment.

Il-Kunsill idecieda li jsaqsi id-dipartiment jekk jissuġerixux lil xi' hadt.

**32.05 Milied fil-Ħamrun**

32.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** qal li dwar it-tiżjin u l-Villaġġ ta' Lmllied fi' Pjazza San Pawl kellu kliem ta' tifħir. Il-Kunsillera qalu li anki huma kellhom feedback tajjeb.

**32.06 Impjegati Uffiċju**

32.06.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li saru l-intervisti għal-possizjoni ta Office Clerk mil-board. Dan il-board kompost min Christian Sammut, Efrem Buttigieg u Vincent Bonello qiegħed jissugerixxi li tigi impjegata Shianne Azzopardi. L-istess bord qiegħed jissuġerixxi wkoll li minflok is-sejħa ta' Council Assistant, tiġ impjegata il-persuna li kwalifikat it-tieni, dik ta' Sharona Galea. Il-Kunsill qabel unanimament, kif ukoll issuġerixxa li dawn jibdew mil-aktar fiss possibli.

32.06.02 **Is-Sindku Christian Sammut** issużerixxa li l-istaff klerikali jingħataw performance bonus:

Council Assistant – 6% / Assistant Principal - 5% / Office Clerk - 4% / Assistant Principal - 3%

Kunsill qabel unanimament

**32.07 Tenders**

32.07.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li t-tender ta' l-karozza elletrika, pavimentar ta' scouts u call for quotations għal kameras fi' triq il-Kbira ħarġu u jagħlqu f'Jannar.

32.07.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li tender ta' skart għalaq u ma' kien hemm ħadt eleġibli. Huwa qal ukoll li kien hemm apell u qed nistenew li jkollna id-data ta' apell.

32.07.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li għal ġnien fuq il-Liċeo daqt jagħlaq u issuġerixxa l-istess bord ta' evalwazzjoni ta' l-ewwel sejħa. Kunsill qabel unanimament

32.07.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li hemm bżonn noħorġu tender ta' Perit u Accountant. Kunsill qabel unanimament.

**32.08 Skeda ta' Ħlasijiet**

32.08.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Diċembru 2021.

**Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Efrem Buttigieg** issekonda il-mozzjoni.

L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**32.09 Ħwejjeġ Oħra**

31.09.01 **Il-Kunsillier Efrem Buttigieg** talab informazzjoni jekk kunsill hux involut fit-teħid ta' l-booster. Huwa ġie informat li le.

.

**32.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

32.10.01 Il-laqgħa intemmet fid-8:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-it-Tlieta 25 ta' Jannar, 2022 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum, 25 ta' Jannar, 2021

Christian Sammut
Sindku

Daniel Bugeja
Segretarju Eżekuttiv